**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Frar 2021

Rikors Numru: 284/16 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv 1137/1987)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi A B li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1-5.

*"A. Illi l-attriċi zzewġet lill-konvenut fit-18 ta' Lulju 1987 (Dok. A), minn liema zwieġ il-konjuġi B kellhom tliet ulied, li huma D u E li llum huma maġġorenni, u F li twieled fit-30 ta' Awwissu 2000 (Dok. B);*

*B. Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba li l-konvenut rrenda ruħu ħati ta' eċċessi, u inġurji gravi versu l-attriċi;*

*C. Illi l-koabitazzjoni ta' bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli ħtija tal-konvenut, u b'dan li z-zwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment;*

*D. Illi l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni kontenzjuza mis-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Ċivili b'Digriet numru 2839/2016, hawn anness bħala dokument 'C';*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u għall-finijiet ta' l-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat li kien ħati tal-firda;*
2. *Tawtorizza lill-attriċi li tgħix separata minn zewġha a mensa et thoro;*
3. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti skond Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili;*
4. *Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewġ porzjonijiet, wieħed li jiġi assenjat lill-attriċi u wieħed li jiġi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fid-dawl ta' l-Artikolu 48 subinċiz (1)(c) u ta' Artikolu 53 tal-Kodiċi Ċivili;*
5. *Tawtorizza lill-attriċi tirripredni l-pussess tal-beni parafernali tagħha;*
6. *Tqiegħed lill-minuri F B fil-kura u kustodja ta' l-attriċi;*
7. *Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm għaliha kif ukoll għal binhom F B, a tenur ta' Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili, liema manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut;*

8. *Tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tiegħu elenkati f'Artikolu 48 subinċiz (1) tal-Kodiċi Ċivili, u dan bl-applikazzjoni ta' Artikolu 51 ta' l-istess Kodiċi Ċivili;*
9. *Tordna lill-konvenut joħroġ mid-dar matrimonjali 7, XX, Mġarr, Malta, u tagħti kull ordni ai termini ta' Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili;*
10. *Tordna li l-attriċi tirriverti għall-kunjom xbubitha G.*

*Bl-ispejjez ta' din l-proċedura kontra l-konvenut, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni".*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C B[2] fejn eċċepixxa:

*"1. Illi l-esponent jaqbel li għandha tiġi pronunċjata is-separazzjoni bejn il-kontendenti, izda dana għal raġunijiet u ħtijiet imputabbli esklusivament lill-attriċi;*

*2. Illi l-esponenti jaqbel li għandu jgħix separatament minn martu r-rikorrenti kif ilu jagħmel għal ħafna zmien;*

*3. Illi l-esponenti jaqbel li għandha tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti izda ma jirrizultawx raġunijiet sabiex jiġi applikat id-dispost ta' art. 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Illi l-esponenti ma jaqbilx li l-kura u kustodja tal-minuri F B tiġi fdata lir-rikorrenti semai din għandha tibqa' konġunta u l-minuri llum għandu kwazi 17-il sena u allura x-xewqat tiegħu għandhom ikunu konsidrati;*

*5. Illi l-esponent ma jaqbilx li għandu jħallas manteniment lir-rikorrenti stante li apparti li din taħdem iz-zwieġ tkisser minħabba tortijiet imputabbli lilha speċifikament izda mhux limitatament adulterju kif ser jirrizulta fit-trattazjoni tal-kawza;*

*6. Illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tordna lill-esponenti joħroġ mid-dar matrimonjali stante li din tappartjeni lil terzi u l-kontendenti jirrisjedu hemm fuq bazi ta' tolleranza;*

---
[2] Fol. 17-18.

*7. Illi stante illi z-zwieġ tkisser minħabba tortijiet imputabbli esklussivament l-esponenti imma għandiex ibati spejjes tal-ġudizzju"*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati u d-dokumenti magħhom annessi;

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' A B;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' C B;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom minħabba eċċessi u inġurji gravi skont Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ b'dana illi l-Qorti tiddetermina d-data minn meta l-konvenut għandu jinsab ħati għal tali tifrik taz-zwieġ;

2. Tordna li l-attriċi għandha d-dritt tgħix separatament minn zewġha;

3. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

4. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja u l-manteniment għal F B;

5. Tiddeċiedi dwar il-manteniment għar-rikorrenti nnifisha;
6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
7. Tillikwida u tassenja l-assi parafernali tal-attriċi;
8. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka d-dar matrimonjali;
9. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi minħabba adulterju, fost oħrajn.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

_Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut_

Fl-affidavit tagħha l-attriċi tirrileva li l-partijiet izzewġu nhar it-17 ta' Lulju 1987 u dan wara sena li bdew joħorġu flimkien bħala koppja. L-attriċi tisħaq li għalkemm ma kienetx konvinta minn dan iz-zwieġ, hija xorta waħda għazlet li tizzewweġ lil konvenut stante li għoġbitha l-idea li titlaq mid-dar tal-ġenituri tagħha. Wara li zzewġu, l-attriċi tgħid illi skopriet li zewġha kellu problema medika li minħabba tali ma tantx kien ikollhom intimita' fizika flimkien u barra minn hekk zewġha kellu ukoll l-problema li jisker minħabba l-ammont ta' xorb li jikkonsma. Dawn iz-zewġ problemi affettwaw mhux biss l-intimita' ta' bejn il-partijiet, izda z-zwieġ in ġenerali.

Magħdud mal-premess, l-attriċi tkompli tirrileva illi sa minn qabel ma zzewġu, l-konvenut kien diġa' fil-mestier tax-xarabanks, minn liema xogħol kellu ħafna ħbieb. Skont l-attriċi, l-konvenut kien ta' sikwit joħroġ jiekol ma' sħabu tax-xogħol, izda ħin għal familja qatt ma kien isib. Fil-fatt l-attriċi tikkontendi illi kull ma kien ikun hemm bzonn fid-dar u għal uliedhom, kienet tieħu ħsieb kollox hi għaliex il-konvenut kien jgħidilha li hu ma kellux ħin jinvolvi ruħu f'affarijiet u impenji familjari minħabba x-xogħol. L-attriċi tispjega li l-konvenut huwa persuna li jħobb idaħħaq lil ta' madwaru u għal dan l-iskop ta' spiss kien jwaqqa'

għaċ-ċajt lil attriċi. Minkejja dan, l-attriċi tkompli tgħid illi l-konvenut darba waħda biss uza forza fizika waqt argument, izda in ġenerali kienet tħossha li tiġi trattata minn zewġha bħala oġġett. Għaldaqstant tgħid li maz-zmien birdet minn zewġha u baqgħat miegħu bl-intiza li trabbi t-tlett itfal li kellhom matul dan iz-zwieġ.

Meta l-attriċi infurmat lil konvenut bl-intenzjoni tagħha li tibda proċeduri ta' separazzjoni, din tallega li l-konvenut beda bil-vendikazzjonijiet u tagħti rendikont ta' numru ta' episodji li iktar ikkonvinċewha li kellha tissepara minn zewġha. Mal-bidu tal-medjazzjoni fl-2010, l-attriċi tirrileva li l-konvenut waqaf jagħtiha flus biex tgħix, izda meta l-proċeduri ta' medjazzjoni waqfu minħabba rikonċiljazzjoni, il-konvenut reġa' beda jgħaddilha xi flus. Madanakollu, skont l-attriċi, il-konvenut baqa' jitratta ħazin lill-attriċi, tant li l-proċeduri tal-medjazzjoni reġgħu bdew u konsegwentament l-konvenut reġa' waqaf jgħaddi flus lill-attriċi. Fix-xhieda tagħha ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2018, l-attriċi rrilevat li meta bdiet il-proċeduri ta' medjazzjoni fl-2010, hija ħarġet taħdem sabiex tgħajjex lilha nnifisha. Barra minn hekk, tisħaq illi mill-kont bankarju konġunt tal-partijiet, il-konvenut ġibed kollox u zamm kollox għalih.

Fil-prezent jidher li l-attriċi qiegħda tgħix ġo garaxx il-Ġnejna. Tgħid li tgħix waħedha, izda ġieli jorqod għandha l-partner tagħha. L-attriċi tinnega li telqet mid-dar matrimonjali sabiex tmur tgħix mal-partner tagħha, għalkemm tikkonferma li qabel ma telqet mid-dar kienet diġa marret fuq btala mal-imsemmi partner.

Sabiex tikkorrabbora l-verzjoni tagħha, l-attriċi ma tressaq l-ebda xhieda oħra ulterjuri, dokumenti, ritratti jew xi tip ta' prova oħra suffiċjenti.

*Il-Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Permezz tal-affidavit tiegħu, il-konvenut jibda sabiex jikkonferma illi zzewweġ lill-attriċi wara biss sena li kienu tgħarsu. Magħdud ma' dan, jikkonferma ukoll illi l-attriċi riedet tizzewweġ malajr għaliex ma kellhiex relazzjoni tajba mal-ġenituri tagħha u b'hekk riedet tizzewwewġ u temigra lejn il-Kanada. Minkejja dan, wara z-zwieġ tal-partijiet, dawn ma emigrawx izda baqgħu jgħixu Malta. Il-konvenut jgħid illi għalkemm għall-ewwel kien qabel mal-proposta tal-attriċi li jemigraw lejn il-Kanada, huwa xorta kellu d-dubji tiegħu u dan stante li kien wisq

viċin ta' missieru. Fil-fatt il-konvenut jikkontendi li sabiex ma jemigrax lejn il-Kanada, missier il-konvenut xtralu xarabank ftit qabel ma zzewweġ lill-attriċi u din tal-aħħar kienet ħaditha ferm bi kbira tant li ftit qabel iz-zwieġ għamlu madwar ġimgħa ma jitkellmux. Madanakollu, l-partijiet irranġaw l-affarijiet ta' bejniethom, u dan wara li l-attriċi kkuntentat li tibqa' Malta għaliex il-konvenut kien ser jaħdem għal rasu bix-xarabank.

Wara z-zwieġ, il-konvenut jgħid li marru joqgħodu ġo fond mikri ġewwa l-Imġarr, f'liema fond il-partijiet damu jgħixu għal madwar seba' (7) snin. Minħabba li l-partijiet ma riedux jibqgħu jgħixu fil-kera, applikaw mal-*Housing Authority* sabiex jieħdu post, izda dan kien kollu għalxejn. Għaldaqstant, il-ġenituri tal-attriċi kienu ħajruhom imorru jgħixu ħdejhom l-Bokka taċ-Ċarċara l-Imġarr. Il-konvenut jgħid li tali art kienet mikrija lil familja tal-attriċi, fejn dak iz-zmien kien hemm madwar erbat (4) ikmamar u fuq wara xagħara kbira. Fid-dawl li din l-idea għoġbot lil partijiet, speċjalment lil konvenut li kien *close* mal-familja ta' martu, il-partijiet iddeċidew jibnu ħdejn il-ġenituri tal-attriċi, fejn *"konna neħħejna l-blat fix-xagħra, u bnejna kċina, zewġ kmamar tas-sodda u bitħa"*, liema bini sar mingħajr permessi u periti. Il-konvenut jgħid li huma marru joqgħodu l-Bokka taċ-Ċarċara l-Imġarr għal ħabta tal-1994-1995. Il-partijiet kienu jaqsmu l-kera u l-kont tad-dawl mal-ġenituri tal-attriċi.

Il-konvenut jirrileva ukoll li wara sena li twieled l-ewwel tifel, l-attriċi kienet qalet lil konvenut li kienet xebgħet miegħu izda li ma titilqux sabiex it-tifel ma jitrabbiex mingħajr missier. Il-konvenut jgħid li huwa ħaseb li l-attriċi kienet qiegħda tiċċajta. Il-partijiet baqgħu flimkien, tant li eventwalment kellhom it-tieni wild. Il-ħajja intima' tal-partijiet bdiet sejra lura, tant li l-konvenut jgħid li kull darba li kien jersaq lejn l-attriċi, din kienet tgħidlu li tiddejjaq jew li ma jkollhiex aptit. Madanakollu u għajr għal xi intoppi bħal kull familja, l-ħajja baqgħat sejra 'il quddiem, tant li konsegwentament il-partijiet kellhom it-tielet wild. Kien għal ħabta tal-2010 li l-attriċi kienet qalet lil konvenut li trid tissepara għaliex ma kienetx għadha tħobbu u li hi kienet izzewġitu għaliex kienet imdejqa bil-ġenituri tagħha dejjem jiġġieldu. Fil-fehma tal-konvenut, l-attriċi nbidlet mil-lejl għan-nhar, fejn mill-2012 'il quddiem, l-attriċi abbandunat lil kollox u lil kullħadd, toħroġ u ddum barra, issiefer u tħalli lil konvenut mat-tfal id-dar.

Fl-affidavit tal-konvenut jiġi kkonfermat illi l-attriċi bdiet relazzjoni ma' H I madwar sena jew sentejn ilu, fejn siefret miegħu l-Polonja u l-Italja. Jirrileva

ukoll li l-attriċi telqet mid-dar u marret tgħix ma' dan il-partner il-ġdid fil-*boat house* li għandhom mikrija ġewwa l-Ġnejna. Il-konvenut jikkontendi illi huwa dejjem ipprovda għal familja għaliex l-attriċi ma kienetx taħdem. Jikkonferma li għal ħabta tal-2011, kienu waqqfu lil konvenut milli jkompli bix-xogħol tiegħu bix-xarabank u ħa somma ta' madwar €110,000 bħala kumpens. B'dawn il-flus huwa jgħid li rranġa d-dar u l-*boat house* ġewwa l-Ġnejna u bena l-garaxx, li b'kollox swewh €60,000. Barra minn hekk, il-konvenut jirrileva ukoll li bil-flus kien xtara ukoll karozza lil bintu E, u kull meta it-tfal kien ikollhom bzonn xi ħaġa dejjem ħareġ il-flus. Fil-fatt l-konvenut jgħid li huwa għadu jieħu ħsieb lil ibnu z-zgħir li għadu jgħix miegħu.

Sabiex jikkorrabbora l-verzjoni tiegħu, l-konvenut jressaq ix-xhieda ta' ibnu F B,[3] zewġ rapporti tal-Perit Konrad Bezzina redatti nhar it-13 ta' Ottubru 2016 rigward il-*boat house* ġewwa l-Ġnejna u l-fond numru 7*, Bokka taċ-Ċarċara l-Imġarr,*[4] ix-xhieda ta' J G missier l-attriċi,[5] u ritratt ta' A ma' persuna tas-sess maskili.[6]

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

a. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi u Offizi Gravi*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

[3] Fol. 420, 426-427.
[4] Fol. 404-410.
[5] Fol. 442-443, 448.
[6] Fol. 452.

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[7] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fir-rigward ta' inġurji gravi, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għas-senteni fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[8] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[9] fejn ġie ritenut li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Konsegwentament u fir-rigward ta' eċċessi, is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, tfisser l-istess bħala *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

## b. <u>Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju</u>

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[10] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*".[11]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza

---

[7] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[8] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[9] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[10] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[11] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[12] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

*ċ. <u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Jibda sabiex jiġi rilevat illi fil-kaz odjern il-provi mresqa mill-attriċi huma skarsi għall-aħħar. L-allegazzjonijiet tal-attriċi rigward l-aġir tal-konvenut fil-konfront tagħha ma ġiex minimament ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi. Ma hemm l-ebda prova rigward l-allegati: (i) problemi intimi, (ii) tal-vizzju tax-xorb, (iii) il-ħruġ eċċessiv tal-konvenut ma' sħabu, (iv) il-karattru tal-konvenut li jdaħħaq lil ta' madwaru u jwaqqa' għaċ-ċajt lill-attriċi, (v) li darba kien vjolenti fizikamament, (vi) li jitratta lill-attriċi ta' oġġett, u (vii) l-vendikazzjonijiet, tgħajjir, insulti, vjolenza fizika u morali kollha msemmija mill-attriċi.

Fil-fatt il-Qorti tevalwa li saħansitra iben il-partijiet stess jgħid illi *"ma niftakarx tgħajjir speċjali u speċifiku. Ma niftakarx inċident fejn il-mama allegatament sabet id-dwiefer fl-ikel tagħha"*.[13] Għalkemm l-attriċi fl-affidavit tagħha tallega li *"kull ma kien hemm bzonn fid-dar u għal uliedna, kont nieħu ħsieb kollox jien. Meta kont ngħidlu biex jinvolvi ruħu speċjalment fit-trobbija tat-tfal, huwa jgħid li minħabba ix-xogħol ma kellux ħin, pero' kien isib ħin imur jiekol ma' sħabu sikwit ħafna, kull ġimgħa. Kont nilmentalu li kien isib ħin imur jiekol ma xi ħadd minn sħabu, u ma jsbx ħin jattedi parents' day u attivitajiet ta' uiedna"*,[14] min-naħa l-oħra binhom F B in kontro-ezami iddikjara illi *"parent's day ommi kienet tiġi. Missier ġie xi darbtejn. Prize Day kienu jiġu t-tnejn. Privatijiet kienet*

[12] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).
[13] Fol. 426.
[14] Fol. 22.

*twassalni ukoll. Missieri kien itini l-flus għall-privat".*[15] Għaldaqstant dan ukoll jitabbilixxi li għalkemm l-omm kienet il-*main carer* tal-ulied peress li kienet mara tad-dar, dan ma jfissirx li l-missier ma kienx jimpurtah mit-trobbija tagħhom.

Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax tasal għal konkluzjoni li tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali tal-partijiet abbazi ta' eċċessi u inġurji gravi sofferti mill-attriċi. Mill-atti li għandha quddiemha l-Qorti jidher li hemm inkompatibbilita' bejn il-karattri tal-partijiet, tant li l-attriċi riedet tissepara minn ma' zewġha sa mill-2012, izda minkejja li kienu nbdew proċeduri fl-2012 jidher li l-partijiet irrikonċiljaw. Madanakollu, l-affarijiet ta' bejniethom xorta waħda ma kienux ward u zahar, tant li ftit tas-snin wara, l-attriċi bdiet għal darb' oħra proċeduri ta' separazzjoni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tisħaq illi *"ċertament l-intimat jipprova jibni l-kas tat-tkissir taz-zwieġ fuq episodji li seħħew biss WARA li l-esponenti kienet bdiet l-ewwel proċeduri ta' separazzjoni, u zewġha kien waqaf jgħaddilha flus għal biex tgħix bihom. Qabel dawl l-ewwel proċeduri, l-esponenti kienet dik il-mara tad-dar sokkombenti fejn tagħmel kollox hi għal-ġid tal-familja kollha, minn filgħodu sa filgħaxija, u zewġha jiġi d-dar x'ħin ifettilu, forsi meta jkollu xi waqfa bejn vjaġġ u ieħor tal-linja, u meta ma jkollux ma' min jintefa'".*[16] F'dan ir-rigward il-Qorti tisħaq illi *in primis* u ai termini tal-Artikolu 42 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni għall-firda personali tispiċċa meta jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijet, izda f'kaz li wara tali rikonċiljazzjoni tinħoloq raġuni ġdida ta' firda, waħda mill-partijiet għandha l-fakolta' li sabiex issaħħaħ it-talba tiegħu jew tagħha, tressaq ir-raġunijiet ta' qabel. Fil-kaz odjern jidher li l-attriċi ma tagħmilx distinzjoni bejn l-episodji ta' qabel u wara l-ewwel tentattiv għal proċeduri ta' separazzjoni, izda minn kliemha stess u indirettament bħal donnha tammetti li kien hemm episodji li seħħew wara. Magħdud ma' dan, kwalsiasi allegazzjoni da parti l-attriċi, sia dawk li seħħew qabel u kif ukoll wara l-ewwel tentattiv ta' firda personali, ma ġewx ippruvati. Kif inhu assodat fil-ġiurispridenza nostrana, *min jallega jrid jipprova*, liema massima legali ma ġietx onorata f'dawn il-proċeduri mill-attriċi.

Min-naħa l-oħra, l-Qorti tevalwa l-verzjoni tal-konvenut fejn jagħti rendikont dwar kif l-attriċi kienet dejjem tgħidlu li ma rieditx tibqa' miegħu, izda ma

---

[15] Fol. 427.
[16] Fol. 459.

kienetx titilqu minħabba t-tfal, liema verzjoni ġiet ikkonfermata mill-attriċi stess. Magħdud ma' dan, il-Qorti tagħti piz probatorju lix-xhieda tal-attriċi stess ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2018,[17] fejn ġie iddikjarat *"ili ngħix ġol-garaxx. Ma ngħix mal-partner tiegħi imma ġieli jorqod hemm imma mhux spiss ħafna. Il-ġimgħa li għaddiet raqad għandi xi 3 darbiet. Mhux minnu li tlaqt mid-dar biex immur ngħix miegħu. Hu minnu li jien kont diġa sifirt mal-partner tiegħi darbtejn (waħdi miegħu) qabel ma tlaqt mid-dar. Jien tlaqt mid-dar xi Marzu/April 2018. Sfirt mal-partner f'xi Frar 2018 u l-oħra f'Mejju 2018 meta kont diġa tlaqt mid-dar"*[18] (enfasi tal-Qorti). Din l-ammissjoni turi biċ-ċar li l-attriċi, filwaqt li kienet tinsab mizzewġa lil konvenut u tgħix miegħu taħt l-istess saqaf, bdiet relazzjoni adultera ma' raġel ieħor. Il-fatt li l-attriċi ammettiet li siefret ma' dan ir-raġel qabel ma telqet mid-dar fl-2018, jistabbilixxi li l-attriċi bdiet din ir-relazzjoni zmien qabel il-bidu tas-sena 2018. Il-Qorti tifhem illi ġialadarba l-attriċi għazlet li ssifer mas-sieħeb ġdid tagħha, juri bċ-ċar li r-relazzjoni tagħhom ma kienetx sewwa sew fil-bidu tagħha, għaliex altrimenti ma kienetx issefer miegħu. Il-Qorti tkompli tirriafferma l-ħsibijiet tagħha hekk kif fl-affidavit tiegħu, il-kovenut jagħmel referenza għar-relazzjoni adultera tal-attriċi ma' ċertu H I, li skontu tali relazzjoni inbdiet għal ħabta tal-2016 u 2017, liema verzjoni ma ġietx kontradetta mill-attriċi.

Barra minn hekk, il-Qorti tevalwa ukoll r-ritratt ezebit mill-konvenut, liema ritratt juri lill-attriċi flimkien ma' persuna ta' sess maskli li ma huwiex il-konvenut.[19] Fix-xhieda tiegħu, il-konvenut jiddikjara li sab dan ir-ritratt ġo gwardarobba, liema ritratt ittiehed madwar ħames (5) snin qabel ma bdew il-proċeduri odjerni u ċjoe' meta l-attriċi marret it-Tunez ma' sħabha.[20] Waqt ir-riezami tal-konvenut, ġie suġġerit illi r-raġel fir-ritratt huwa qarib tal-attriċi, izda l-konvenut jinnega li jaf jew li jirrikonoxxi r-raġel in kwistjoni.[21] Minkejja tali suġġerimenti, l-Qorti rat li l-konvenut ma ġiex mistoqsi mill-attriċi ebda domandi rigward it-tehid tar-ritratt in kwistjoni u lanqas ma ġie ssuġġerit isem ir-raġel u x'jiġi mill-attriċi. Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tar-ritratt u l-pozizzjoni li tinsab fiha l-attriċi, il-Qorti tinsab moralment konvinta li r-raġel li jinsab fir-ritratt ezebit ma huwiex qarib tal-attriċi, hekk kif l-attriċi tinsab b'sieq waħda fuq sieq l-imsemmi raġel, filwaqt li b'id waħda l-attriċi qiegħda tgħannqu u bl-id l-oħra qiegħda taqbadlu

[17] Fol. 393.
[18] Fol. 394.
[19] Fol. 452.
[20] Fol. 449.
[21] *Ibid.*

idejh. Fil-fehma tal-Qorti, tali pozizzjoni tissuġġerixxi kunfidenza u intimita', liema pozizzjoni ċertament ma hijiex mistennija minn mara mizzewġa. Magħdud ma' dan, il-Qorti tinnota li r-ritratt m'għandu ebda indikazzjoni tad-data meta ttiehed ir-ritratt. Madanakollu, l-verzjoni tal-konvenut li tali ritratt ittiehed ħames (5) snin qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni ma ġietx miċħuda jew kontradetta b'xi mod mill-attriċi.

Għaldaqstant il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet m'għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkissier b'mod irrimedjabbli. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li z-zwieġ tal-partijiet kien pass mgħaġġel, fejn il-partijiet wara sena għerusija ma kienux jafu sew lil xulxin. Il-fatt li z-zewġ partijiet jikkonfermaw li sa mill-bidu taz-zwieġ tagħhom l-attriċi bdiet turi x-xewqa li titlaq lil konvenut, juri biċ-ċar li l-attriċi ma kienetx kuntenta. Madanakollu dan ma għandux ifisser b'mod awtomaiku li l-konvenut kien zbalja b'xi mod fil-konfront tagħha. Di fatti l-Qorti evalwat li ma tresqet l-ebda prova dwar xi aġir da parti l-konvenut li seta' b'xi mod farrak iz-zwieġ ta' bejnu u l-attriċi. Għaldaqstant il-Qorti tinsab konvinta li l-attriċi kienet imdejqa fiz-zwieġ, u ttentat tintavola din l-azzjoni u tallega numru ta' kwistjonijet sabiex tatribwixxi t-tort lil konvenut u dan sabiex taħbi l-verita'. Nuqqasijiet kullħadd ikollu, madanakollu l-attriċi kellha l-obbligu li tipprova l-kaz tagħha u fin-nuqqas ta' tali prova, l-Qorti bl-ebda mod ma tista' tatribwixxi tort lil kontroparti. Min-naħa l-oħra huwa kristallizzat li matul iz-zmien l-attriċi kellha kunfidenzi ma' rġiel oltre zewġha, u saħansitra kellha relazzjoni adultera sakemm kienet mizzewġa u tgħix taħt l-istess saqaf ma' zewġha. In vista' dan, il-Qorti tikkonkludi illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ ma tistgħax tiġi imputabbli lil konvenut stante l-allegazzjonijiet tal-attriċi ma ġewx minimament ippruvati. Madanakollu u abbazi tal-provi in ġenerali u l-ammissjonijiet li għandha quddiemha l-Qorti, din tinsab moralment konvinta li z-zwieġ tkisser għal kollox permezz ta' inkompattibilita' fil-karattru u *di piu'* l-adulterju u l-inġurji gravi kommessi mill-attriċi.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili f'kaz li jiġi kkonfermat li r-

responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ hija imputabbli lilu. Il-Qorti tirrileva illi meta l-allegata ħtija għat-tifrik taz-zwieġ tiġi bbazata fuq Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, hi għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza għall-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u l-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati mill-Qorti fil-konfronttal-konvenut/a, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

Madanakollu, ġialadarba ma hemmx provi li jistabbilixxu b'mod inekwivoku illi z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli minħabba t-tort tal-konvenut, il-Qorti ma hijiex moralment kovinta li l-konvenut għandu jinstab ħati għall-imsemmi tifrik taz-zwieġ u *di piu'* jiġu applikati fil-konfront tiegħu d-dekadenzi stipulati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

## 4. Kura, Kustodja u Manteniment ta' F B:

L-attriċi titlob illi tiġi fdata bil-kura u l-kustodja ta' binha F B. Il-konvenut joġġezzjona għal tali talba u jgħid li għall-inqas il-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta b'dana illi l-minuri jesprimi x-xewqat tiegħu ġialadarba fiz-zmien li ġiet intavolata l-kawza kellu sittax-il (16) sena. Fid-data tal-preżentata tal-kawża, u ċioe fil-5 ta' Diċembru 2016, iben il-partijiet F B, kienu għadu minuri. Madanakollu, fil-prezent F B għandu għoxrin (20) sena u b'hekk leħaq l-eta' maġġorenni. Għaldaqstant m'hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tiegħu, stante li l-mertu tat-talba nnifisha ġie ezawrit maz-zmien.

Magħdud mal-premess u fir-rigward tal-manteniment, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex il-konvenut iħallas manteniment għal F B. Il-Qorti tevalwa n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi stess, fejn ġie rilevat illi *"din is-seba' talba hija sa ċertu punt sorvolata għaliex ulied il-partijiet huma maġġorenni u għandhom il-qligħ tagħhom"*. Għaldaqstant tali talba ġiet ukoll ezawrita u b'hekk il-Qorti mhux ser tieħu konsiderazzjoni tagħha.

## 5. Manteniment għall-Attriċi:

Fir-rikors promotur, l-attriċi titlob manteniment għaliha minn għand zewġha u dan stante li ddedikat ħajjitha għal uliedhom. Madanakollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-attriċi tagħzel li tirrinunzja għall-manteniment minn għand zewġha u tisħaq illi *"l-partijiet ukoll għandhom introjtu separat u mhux il-kaz li l-partijiet jagħtu manteniment lil xulxin"*. Għaldaqstant ma hemmx iktar lok għal din il-Qorti li tieħu konsiderazzjoni ta' din it-talba.

## 6. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar it-18 ta' Lulju 1987, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### a. *It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-prezenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum ezistenti bejn il-partijiet.

### b. *Elenku ta' dak kollu li Jifforma u li ma Jiffurmax Part mill-Komunjoni tal-Akkwisti*

Illi hemm diverġenzi bejn il-verzjonijiet tal-partijiet għal dak li jirrigwarda x'għandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti *o meno*. L-attriċi, min-naħa waħda, fl-affidavit u n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha,[22] telenka dak li fil-fehma tagħha għandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ċjoe': (i) il-kamra tal-għodda ġewwa l-Ġnejna, (ii) il-*Cabin Cruiser,* (iii) il-vetturi appartenenti lil konvenut u dawk lil attriċi, (iv) il-liċenzja tal-*minibus*, (v) l-għamara ġewwa d-dar matrimonjali, (vi) is-somma ta' €103,000 mħallsa lil konvenut minn Transport Malta, oltre l-imgħaxijiet, u (vii) il-kontijiet bankarji inkluz l-ishma investiti. Min-naħa l-oħra, fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, jiġi elenkat illi l-partijiet m'għandhom l-ebda immobbli f'isimhom, filwaqt li jelenka li

[22] Fol. 24, 461.

bejniethom hemm numru ta' vetturi u kontjiet bankarji. Fir-rigward tas-somma minn Transport Malta, l-konvenut jikkontendi li *"kellu permess li jsuq xarabank kif ukoll xarabank mixtri lilu minn missieru qabl iz-zwieġ u għalhek kull kumpens li ħa kien huwa definittivament parafernali u ma jappartjenix il-komunjoni. Ulterjorament jirrizulta ben provat ukoll illi l-ammont lilu mħallas ġie minfuq fid-dar matrimonjali kif ukoll intuzaw fondi sabiex inxtraw vetturi lill-ulied il-kontendenti".*

Il-Qort evalwat il-provi li għandha quddiemha, u waslet għal konkluzjoni illi l-assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:

1. *Cabin Cruiser* indikata bħala *Pleasure Yacht*, bl-isem ta' *Blue Cave* li tinsab irreġistrata fuq iben il-partijiet D B, detentur tal-karta tal-identita' XXXXX u dan sa mit-23 ta' Diċembru 2002, ċjoe' meta D B kellu biss tlettax-il (13) sena.;[23]

2. Il-vettura tat-tip Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni IMY-293, rreġistrara fuq il-konvenut;[24]

3. Il-vettura tat-tip Mitsubishi Shogun bin-numru ta' reġistrazzjoni ACH-257, rreġistrata fuq il-konvenut;[25]

4. Il-vettura tat-tip Toyota RAV4 bin-numru ta' reġistrazzjoni CAM-765, irreġistrata l-aħħar fuq il-konvenut u mibjugħa fis-sena 2017;[26]

5. Il-vettura tat-tip Mini Cooper bin-numru ta' reġistrazzjoni JES-093, irrġistrata l-aħħar fuq il-konvenut u mibjugħa fis-sena 2017;[27]

6. Il-vettura tat-tip Daihatsu Terios bin-numru ta' reġistrazzjoni ABO-318, kienet irreġistrata l-aħħar fuq l-attriċi izda ġiet *scrapped* fis-sena 2019;[28]

7. Il-vettura tat-tip Toyota Celica bin-numru ta' reġistrazzjoni PWL-089, irreġistrata fuq l-attriċi;[29]

[23] Fol. 127.
[24] Fol. 111.
[25] *Ibid.*
[26] Fol. 277.
[27] *Ibid.*
[28] Fol. 273, 274.
[29] Fol. 273, 275.

8. Il-vettura tat-tip Toyota Yaris bin-numru ta’ reġistrazzjoni DIA-066, irreġistrata fuq l-attriċi;[30]

9. Il-kontijiet bankarji intestati f’isem A B:

   a. Bin-numru 40014420607 mal-Bank of Valletta plc;[31]
   b. Bin-numru 061-010690-050 mal-HSBC Bank Malta plc;[32]
   c. Bin-numru 061-010690-051 mal-HSBC Bank Malta plc;[33]
   d. Bin-numru 061-010690-001 mal-HSBC Bank Malta plc;[34]
   e. Card bin-numru 4568824016053307 mal-HSBC Bank Malta plc.[35]

8. Il-kontijiet bankarji intestati f’isem C B:

   a. Bin-numru 18603917016 mal-Bank of Valletta plc;[36]
   b. Bin-numru 40014731846 mal-Bank of Valletta plc;[37]
   c. Card bin-numru 5420710013249011-20247 mal-Bank of Valletta plc;[38]
   d. Bin-numru 089-082515-050 mal-HSBC Bank Malta plc;[39]
   e. Bin-numru 061-245346-001 mal-HSBC Bank Malta plc;[40]
   f. Card bin-numru 4035719900121308 mal-HSBC Bank Malta plc;[41]

9. Il-kont bankarju intestat f’isem C B għan-nom ta’ bintu E B bin-numru 061-122453-051 mal-HSBC Bank Malta plc;[42]

10. Investmiment mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 117AA0092727901;[43]

11. Diversi mobbli ġewwa d-dar matrimonjali bl-indirizz *“XX, Bokka taċ-Ċarċara, limiti tal-Imġarr Malta”* u l-garaxx bla numru (*Boathouse)* ġewwa l-Ġnejna, limiti tal-Imġarr Malta, inkluz: kamra tas-sodda

[30] Fol. 430.
[31] Fol. 262 - 272.
[32] Fol. 302 - 314.
[33] Fol. 315 - 331.
[34] Fol. 332 - 357.
[35] Fol. 358 - 389.
[36] Fol. 49 - 63.
[37] Fol. 64 - 67.
[38] Fol. 72 - 110.
[39] Fol. 144 - 167.
[40] Fol. 170 - 192.
[41] Fol. 193 - 218.
[42] Fol. 128 - 143.
[43] Fol. 219 - 257.

matrimonjali, kmamar tas-sodda tat-tfal, kċina, *appliances, loose furniture*, erba' (4) televixions u zewġ (2) friġġs;[44]

Fl-elenku tagħha l-Qorti ma nkludietx: (i) il-kamra tal-għodda tal-Ġnejna, (ii) il-liċenzja tal-*minibus* fuq isem il-kovenut b'valur negozzjabbli, u (iii) is-somma mogħtija lil konvenut minn Transport Malta fis-sena 2011, kif elenkati mill-attriċi, u dan għas-segwenti raġunijiet.

Fir-rigward tal-kamra tal-għodda tal-Ġnejna, il-Qorti kkunsidrat illi ż-żewġ partijiet jaqblu li huma m'għandhom l-ebda titolu legali fuq din il-kamra, jew l-hekk imsejħa *boathouse*. Fil-fatt il-Qort ma tifhimx kif l-attriċi tinkludi tali *boathouse* fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti hekk kif fl-istess waqt tgħid li din *"hija mikrija lill-ġenituri tal-attriċi, u għalkemm juzawha l-familja B, dawn m'għandhom l-ebda jedd fuqha"*.[45] Huwa minnu li ebda wieħed mill-partijiet ma ressaq pova dwar it-titolu legali tal-kamra in kwistjoni, jew *se mai* prova tat-titolu ta' kirja li allegatament għandhom il-ġenituri tal-attriċi fuq il-kamra ġewwa l-Ġnejna. Madanakollu fin-nuqqas ta' prova konkreta, il-Qorti bl-ebda mod ma setgħet tinkludi din il-kamra fl-elenku ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti hekk kif pretiz mill-attriċi.

Fir-rigward tal-liċenzja tal-*minibus* fuq isem il-konvenut b'valur negozjabbli, il-Qorti tinnota li l-konvenut jammetti fl-affidavit tiegħu illi *"bil-flus tal-kumpens li kont ħadt kont xtrajt mini bus li għadni naħdem bis sal-ġurnata tal-lum"*.[46] Madanakollu, anke jekk il-konvenut stqarr li jaħdem bil-*mini bus,* l-attriċi min-naħa l-oħra ma resqet l-ebda prova dwar l-allegata liċenzja u l-valur negozjabbli tal-istess liċenzja. Il-*mini bus* minnu nnifsu ma jippruvax la l-ezistenza tal-liċenzja u lanqas tal-valur tagħha. Għaldaqstant sabiex il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti dak allegat mill-attriċi, kien jispetta lilha li *in primis* iġġib prova konkreta dwar l-imsemmija liċenzja u konsegwentament stima tal-valur tagħha. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti hija kostretta li ma tikkunsidrax din l-allegazzjoni tal-attriċi.

Fl-aħħar nett u fir-rigward tas-somma mogħtija lil konvenut minn Transport Malta fis-sena 2011, mill-atti jirrizulta li l-konvenut, qabel iz-zwieġ, beda jaħdem bħala xufier ta' xarabank. L-attriċi tikkonferma dan fl-affidavit tagħha hekk kif

[44] Fol. 24.
[45] Fol. 461.
[46] Fol. 403.

tiddikjara li *"sa minn qabel ma zzewwiġna, C kien diġa' bix-xarabank".*[47] Min-naħa l-oħra, il-konvenut jelabora fuq dan hekk kif fl-affidavit tiegħu jiddikjara *"Fil-fatt missieri kien biex ma mmrx il-Kanada kien xtrali xarabank u dan ftit qabel ma konna zzewwġina",*[48] liema verzjoni ma ġietx kontradetta mill-attriċi. Għaldaqstant ma huwiex kontestat li l-konvenut kellu xarabank u liċenzja tal-istess, liema xarabank u liċenzja kienu fuq isem il-konvenut sa minn qabel ma' zzewweġ lill-attriċi fis-sena 1987, fejn il-konvenut baqa' fl-istess mestier għal snin twal wara z-zwieġ, senjatament sat-28 ta' Ottubru 2010, fejn permezz ta' skrittura privata rrinunzja għal-liċenzja u trasferixxa lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta x-xarabank versu l-kumpens ta' €103,000.[49]

Is-somma surreferita, allura perċepita fiz-zwieġ, ġiet impjegata mill-partijiet sabiex prinċipalment għamlu benefikati ġewwa d-dar matrimonjali, u nxtraw assi oħra mobbli fosthom vetturi, kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut jikkonferma dan fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, izda jisħaq li s-somma hija indubjament parafernali u ma tappartjenix lill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk il-konvenut jagħti x'jifhem illi s-somma in kwistjoni, għalkemm mogħtija lilu matul iz-zwieġ, tali somma tirrapprezenta l-valur tax-xarabank u l-liċenzja li kien jippossjedi qabel ma zzewweġ lill-attriċi. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tinsisti li din is-somma tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti,[50] tant illi tikkontendi li anke jekk il-konvenut verament nefaq is-somma ta' €60,000 bħala benefikati għad-dar matrimonjali,[51] u tikkonferma ukoll li minn tali somma nxtraw vetturi għat-tfal,[52] xorta waħda jibqa' l-fatt li kull spiza li saret għandha titqies li saret mill-konjuġi B flimkien, senjatament mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, u mhux mill-konvenut waħdu.[53]

Sabiex il-Qorti tevalwa jekk tali somma hijiex parti mill-komunjoni ta-akkwisti *o meno,* kellha fl-ewwel lok tagħti piz l-iskrittura privata iffirmata nhar it-28 ta' Ottubru 2010. Jiġi osservat illi l-iskrittura in kwistjoni ġiet iffirmata bejn l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u l-Gvern ta' Malta, u l-konvenut C B imnizzel bħala l-uniku proprjetarju. Tali indikazzjoni hija relevanti ħafna għal vertenza in kwistjoni. Magħdud ma' dan, il-Qorti tagħti piz ukoll l-intenzjoni tal-partijiet

[47] Fol. 22.
[48] Fol. 400.
[49] Fol. 284 - 301.
[50] Fol. 24, 461.
[51] Fol. 461.
[52] Fol. 394.
[53] Fol. 460.

indikati fil-mument li saret l-iskrittura, senjatament: *"Peress illi l-Awtorita' sejra tirtira l-Liċenzji kollha ezistenti tal-Karozzi tal-Linja lejliet il-jum meta l-Operatur jkollu jibda jipprovdi s-Servizzi Skedati, liema data għandha tiġi mħabbra mill-Gvern jew l-Awtorita' aktar 'il quddiem", "Peress illi meta l-Liċenzja tal-Vettura tiġi irtirata il-Propjetarju ma jibqalux uzu għall-Vetturi Trasferiti", "Il-Propjetarju, jaċċetta l-istess Kumpens bħala ħlas finali għall-irtirar tal-Liċenzja tal-Vetturi u għat-Trsaferiment tal-propjeta' tal-Vetturi Trasferiti skond il-kaz", "Il-Propjetarju jiddikjara illi l-Kumoens qed jingħatalu a saldu ta' kwalunkwe pretensjoni illi huwa jista' jkollu in konnessjoni mal-irtirar tal-imsemmija Liċenzji u mat-trasferiment tal-Vetturi Trasferiti u prezenzjalment jirrinunzja għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni illi seta' jew jista' jkollu b'konnessjoni ma' l-istess kif ukoll mall-kwitjoni tal-kumpens għal-installazzjoni tas-side panels fil-Vetturi, fejn applikabbli".*

Fil-fehma tal-Qorti, il-firma tal-partijiet fl-iskrittura privata u l-intenzjoni tagħhom, huma l-iktar zewġ binarji rilevanti għal din il-Qorti sabiex tasal għal konkluzjoni tagħha dwar il-kwistjoni *de quo*. Għaldaqstant jidher ċar illi l-konvenut irrinunzja l-liċenzja u trasferixxa x-xarabank favur l-Awtorita' għat-Trasport u l-Gvern ta' Malta, bil-konsegwenza li x-xogħol tiegħu ġie terminat, izda ġie kkumpensat b'offerta *ex gratia* ta' €103,000. Dan ifisser li tali rinunzja ta' liċenzja u trasferiment ta' xarabank, ma kienux sempliċiment għazla da parti l-konvenut li jwaqqaf xogħolu, izda kien qiegħed jipriva ruħu li jkompli b'dan il-mestier u dan għar-raġunijiet elenkati fl-imsemmija skrittura privata, għal-liema prevjazzjoni l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u l-Gvern ta' Malta kienu lesti li jħallsuh u jikkompensawh b'somma ta' €103,661.89, kif fil-fatt ġara.[54]

In vista tas-suespost, il-Qorti hija moralment konvinta li s-somma mħallsa *ex gratia* fil-kaz odjern għar-rinunzja in kwistjoni, m'għandhiex tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda tkun kunsidrata parti mill-assi parafernali tal-konvenut stante li hija somma derHti minn proprjeta' parafernali tiegħu. B'mod sodisfaċenti ġie ppruvat lil Qorti illi l-konvenut beda dan il-mestier qabel ma' zzewweġ lill-attriċi. Huwa minnu li l-konvenut ma ġab l-ebda prova dwar it-titolu li kellu fuq ix-xarabank in kwistjoni, madanakollu permezz tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti minn Transport Malta rigward l-istess xarabank u r-rinunzja tal-liċenzja, il-Qorti tinsab konvinta li l-verzjoni tal-konvenut, kif mhux

---

[54] Ara ċekkijiet a fol. 298 - 301: (i) ċekk datat 25 ta' Marzu 2010 bis-somma ta' €10,300, (ii) ċekk datat 2 ta' Jannar 2011 bis-somma ta' €20,600, (iii) ċekk datat 3 ta' Lulju 2011 bis-somma ta' €62,461.89, u (iv) ċekk datat 3 ta' Lulju 2011 bis-somma ta' €10,300.

kontradetta mill-attriċi, għandha mis-sewwa. Kieku dan ma kienx minnu, ma kien isir l-ebda fethim mal-konvenut u wisq anqas miegħu waħdu bħala l-uniku propjetarju tax-xarabank tat-tip Leyland bin-numru ta' reġistrazzjoni EBY-530.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Irene Mifsud vs J Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Lulju 2010, fejn is-sentenza appellata ġiet ikkonfermata *in toto* u ġie dikjarat illi s-somma mogħtija lilha wara ftehim ta' rinunzja għal kirja ta' ħanut tax-xorb favur is-sid, liema ġestjoni u kirja bdew sa minn qabel ma' zzewġet, hija derHti minn proprjeta' parafernali tal-appellata. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ikkonfemrat ukoll *"peress li tali somma ġiet perċepita matul iz-zwieġ, u ġiet impjegata a benefiċċju tal-assi tal-komunjoni, l-istess komunjoni tal-akkwisti għandha debitu fil-konfront tal-attriċi fl-imsemmi ammont"*. Dan ifisser li somma derHti minn proprjeta' parafernali tibqa' xorta waħda parafernali, izda f'kaz li tali flus jintuzaw matul iz-zwieġ, tali parti fiz-zwieġ li lilha jappartjenu l-flus parafernali, jibqala' d-dritt għall-flus lura *"meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti"* u dan ai termini tal-Artikolu 1331 subinċiz 2 tal-Kodiċi Ċivili. Dan ġie ukoll mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Fiona Caruana vs Albert Caruana**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar id-9 ta' Lulju 2013.

Għaldaqstant fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistgħax taqbel mal-attriċi u tieħu in konsiderazzjoni ta' din is-somma bħala parti formanti mill-komunjoni tal-akkwisti. Mill-ġiurisprudenza hawn fuq ċitata, joħroġ b'mod ċar illi altru milli l-pretensjoni attriċi hija koretta, izda fil-verita' l-konvenut għandu d-dritt għal kreditu parafernali meta bil-flus li rċieva għar-rinunzja tal-liċenzja u x-xarabank, minnflok għazel li jzommhom ġo kont intestat f'ismu waħdu, huwa għazel li jutilizzahom sabiex, *inter alia*, isiru benifikati fid-dar matrimonjali li fiha kien jgħix mal-attriċi u uliedhom, u kif ukoll fil-*boathouse* tal-Ġnejna. Fil-fatt il-verzjoni tal-konvenut dwar il-benefikati li għamel fid-dar matrimonjali ġew ikkonfermati mill-attriċi u kif ukoll minn missierha J G.[55]

[55] Ara x-xhieda tal-attriċi a fol. 394 *"Id-dar tranġat qabel il-flus ta' Transport Malta pero' minnu li s-saqaf tal-garaxx u l-art u l-modifikazzjonijiet li saru fil-garaxx saru wara tali somma - pero ngħid li l-art u l-madum kienu hemm qabel"*. Ara ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi a fol. 461 *"L-intimat ħal jipprova jgħid li minnhom (mis-somma ta' Transport Malta) nefaq €60,000 biex jirranġa d-dar (folio 402) pero' anke kieku kellna ngħidu li dan kien veru xorta ma jgħid xejn x'sar mill-€50,000 li baqa"*. Ara ukoll ix-xhieda ta' J G a fol. 442 - 443 *"Tul iz-zmien C u A għamlu xi xogħolijiet strutturali - waqqajna xi kmamr li kienu perikoluzi u nbnew oħrajn u l-post tkabbar bi kmamar akbar. Zdiedu 2 kmamar (il-kamamar tat-tfal), il-kċina, il-garaxx il-kbir li joqgħod xarabank fih u jifdal wisa' u dawn ix-xogħolijiet saru xi 6 snin ilu imma mhux preċiz"*.

Fir-rigward tal-benefikati li saru mis-somma in kwistjoni, huwa opportun li f'dan l-istadju ssir distinzjoni bejn benefikati li saru mis-somma parafernali tal-attur, u li jikkonsistu *inter alia* tranġar strutturali u dawk ta' manutenzjoni li jikkonsistu ukoll f'mobbli li faċilment jistgħu jitneħħew u ma jingħaqdux mal-fond. Il-Qorti tirribadixxi illi l-benefikati strutturali, *built-in* u *fixtures* varji, bħala rizultat tax-xogħol li sar, inevitabbilment ingħaqdu mal-proprjeta immobbli, u dan bis-saħħa tal-prinċipju tal-jedd ta' aċċessjoni ai termini tal-Artikolu 567 tal-Kodiċi Ċivili.[56] Dan il-jedd jopera b'tali manjiera illi l-prodott tax-xogħol jew l-ispejjez involuti jmissu unikament lis-sid tal-istess fond, fejn dan tal-aħħar indubjament jieħu l-benefiċċju ta' dawk l-istess xogħolijiet li f'dan il-kaz saru a spejjez tal-flus derHti minn proprjeta' parafernali tal-konvenut. Fil-kaz odjern jingħad illi x-xogħolijiet in kwistjoni saru dejjem bla permessi u awtorizzazzjoni ta' sidien, periti u awtoritajiet ikkonċernati. Il-provi fir-rigward tat-titolu tal-proprjeta' in kwistjoni huma skarsi, għaliex għalkemm jiġi allegat illi d-dar matrimonjali ilha tiġi mikrija lil familja tal-attriċi minn għand ċertu J. Saydon għal zmien twil, ma tresqet l-ebda prova dwar dan bħal ktieb tal-kera, skrittura tal-kera, jew xhieda ta' rapprezentanti ta' Identity Malta (Sezzjoni tar-Riċerki ta' Kuntratti). Lanqas ma tresqet prova dwar it-titolu rigward il-*boathouse* tal-Ġnejna. B'hekk in atti ma hemm l-ebda prova dwar min hu s-sid tal-proprjeta' imsemmija. Għaldaqstant il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tordna li l-kreditu parafernali tal-konvenut jinġabar minn għand l-attriċi ġialadarba f'dan l-istadju ma ġietx iddikjarat bħala s-sid tal-fond in kwistjoni.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi illi in vista tal-fatt li s-somma ta' €103,000 hija parafernali, l-attriċi ma kellha l-ebda dritt tistaqsi x'sar mill-flus jew tilmenta li minnhom ma ħadet xejn. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li saru l-benfikati kif imsemmija mill-konvenut li swewh is-somma ta' €60,000.[57] Ittiehdet ukoll konsiderazzjoni taz-zewġ rapporti peritali pprezentati mill-konvenut, liema zewġ rapporti jagħtu stampa tax-xogħolijiet kollha li saru matul iz-zmien, inkluz dak li sar wara li rċieva s-somma, li b'kollox dawn ix-xogħolijiet ġew stmati versu l-prezz ta' €133,500.[58] Minkejja dawn iċ-ċirfri, u tenut kont li ma saret l-ebda kontrotalba da parti l-konvenut u lanqas ma ġie ppruvat min hu

---

[56] *"Il-frottijiet naturali, tax-xogħol, jew ċivili jmissu, b'jedd ta' aċċessjoni, lis-sid tal-ħaġa li tagħtihom, bil-piz li jħallas l-ispejjez li ħaddieħor ikun għamel sabiex il-ħaġa tagħti dawk il-frottijiet jew sabiex dawk il-frottijiet jiġu kkonservati".*
[57] Fol. 402.
[58] Fol. 404 - 410.

s-sid tal-proprjeta', il-Qorti f'dan l-istadju tista' biss tiddikjara li minn dak li jirrizulta lilha, is-somma riċevuta mill-konvenut għar-rinunzja tal-liċenzja u t-trasferiment tax-xarabank hija parafernali, u peress li parti minn din is-somma intuzat sabiex isiru benefikati fid-dar matrimonjali, garaxx u *boathouse*, jezisti kreditu parafernali fil-konfront tal-konvenut, b'dana illi jispetta lil kovenut sabiex juzufruwixxi r-rimedji disponibbli lilu ai termini tal-liġi sabiex jittenta jirkupra dak li jappartjeni lilu minn għand terzi persuni.

### *c. Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u Assenjazzjoni tal-Porzjonijiet*

Illi wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha hija waslet għal konkluzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi diviza bejn il-partijiet u assenjata f'porzjonijiet lilhom. Qabel ma tgħaddi sabiex tassenja lil partijiet dak dovut lilhom, abbazi tal-fatti kif prezentati lilha, l-Qorti tirrimaraka illi l-mobbli kollha li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma ġewx attribwiti valur speċifiku.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, il-Qorti tevalwa li l-partijiet għandhom numru ta' kontijiet fuq isimhom izda fil-mument ma jidhirx li hemm kontijiet konġunti. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li huwa idoneju illi l-partijiet jzommu dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimhom u l-flus li hemm fl-istess kontijiet. Mill-atti jirrizulta li hemm kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc, intestat fuq isem il-konvenut izda għan-nom ta' bintu E B.[59] Ma ġiex ippruvat jekk dan il-kont fil-prezent jinsabx magħluq *o meno*. Madanakollu fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tordna li jekk dan il-kont għadu miftuħ u intestat fuq il-konvenut, tali kont u l-flus mimzuma fih għandhom jiġu minnufih trasferiti fuq bintu E B li ormai llum hija maġġorenni.

Fir-rigward tal-investiment mal-HSBC Bank Malta plc, bil-kont numru 117AA0092727901, ma hemm l-ebda dubju li tali investiment kien jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti, hekk kif inbeda nhar is-6 ta' Frar 2009 u ġie terminat fis-16 ta' Marzu 2012 bil-valur ta' €6,774.98.[60] Wara li tali investiment ġie terminat, is-somma rikuperata tidher li ġiet depozitata fil-kont intestat fuq isem il-konvenut bin-numru 089-082515-050 mal-HSBC Bank Malta plc.[61] Mill-*istatements* bankarji ma jidhirx li tali investiment ġie terminat bi skop malizzjuz tal-konvenut.

[59] Fol. 128 - 143.
[60] Fol 219 - 257.
[61] Fol. 153.

Fil-fatt jidher li tali somma ġiet depozitatat, ittiehdu minnha s-somma ta' €2,700 u l-bqija tas-somma baqgħat depozitata hemm għal zmien konsiderevoli, fejn konsegwentament ġiet mehuda permezz ta' *cash withdrawals*. Madanakollu nhar il-25 ta' Frar 2014 jirrizulta li nofs is-somma ġiet sostitwita permezz ta' depozitu sostanzjali ta' €3,208.57.[62] Konsegwentament tali somma jidher li ġiet minfuqa b'mod normali fi spejjez ta' kuljum. L-attriċi ma jidhirx li resqet xi domandi lil konvenut sabiex jispjega dwar il-*cash withdrawals* li għamel. Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax toħloq xi storja sabiex tiffavurixxi lil attriċi b'nofs is-somma ta' €6,774.98, meta jidher li tali somma ntefqet fi spejjez ta' kuljum.

Fir-rigward tal-Cabin Cruiser, *ossia Pleasure Yacht* bl-isem ta' Blue Cave, il-Qorti kkunsidrat li din ġiet reġistrata fuq iben il-partijiet D B nhar it-23 ta' Diċembru 2002. Għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju li l-*Cabin Cruiser* inxtara waqt iz-zwieġ. Madanakollu mill-atti jirrizulta li ma tressqet l-ebda indikazzjoni tal-valur tal-istess *yacht* u *di piu'* jiġi evalwat li għal xi raġuni, il-konvenut qatt ma għamel referenza għal dan il-*yacht*. Il-Qorti għaldaqstant tordna sabiex *in primis* it-titolu ta' dan il-*yacht* għandu jiġi trasferit fuq isem iz-zewġ partijiet, b'dana illi konsegwentament u b'mod immedjat, tali *yacht* għandu jitpoġġa għal bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' tlett persuni midħla f'dan il-qasam li għandhom jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom, b'dana illi kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviz tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Il-Qorti tiddikjara ukoll illi qiegħda tassenja nofs indiviz ta' dan il-*yacht* lil attriċi bħala ħlas għax-xogħol tagħha ġewwa d-dar matrimonjali u fit-trobbija tal-ulied fuq bazi *full-time* matul iz-zmien.

Fir-rigward tal-vetturi, il-Qorti tevalwa li fl-elenku surreferit jiġu msemmija seba' (7) karozzi, li kollha nxtraw waqt iz-zwieġ. Mill-atti jirrizulta li ma tresqet l-ebda prova jew tal-inqas ħjiel dwar kemm inxtraw dawn il-vetturi u l-valur tagħhom fil-prezent. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex b'referenza għal karozza ta' D B, u ċjoe' l-vettura tat-tip Toyota Celica bin-numru ta' reġistrazzjoni PWL-089 għandha tiġi trasferita fuq isem l-istess D B b'mod immedjat. Fir-rigward ta' din il-karozza l-Qorti mhux sejra tordna ħlas ta' xi kreditu lil wieħed mill-partijiet għaliex din il-vettura nxtrat mill-flus appartenenti lill-kommunjoni tal-akkwisti

62 Fol. 157.

għall-uzu personali ta' wieħed mill-ulied. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-vettura tat-tip Mini Cooper bin-numru ta' reġistrazzjoni JES-093, mill-atti jirrizulta li din inxtrat fl-2017 u nbiegħet fl-istess sena.[63] Il-Qorti wisq tissusspetta li din il-karroza nxtrat u ġiet irreġistrata fuq isem il-konvenut u ftit tax-xhur wara nbiegħet sabiex inxtrat oħra li din id-darba ġiet reġistrata direttament fuq bint il-partijiet E B. Fil-fatt kemm il-konvenut u kif ukoll l-attriċi jikkonfermaw li nxtrat karozza lil binthom versu l-prezz ta' €8,500.[64] Għaldaqstant fir-rigward tal-bejgħ u r-rikavat ta' din il-karozza, il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ta' dan għaliex tinsab moralment konvinta li bir-rikavat inxtrat vettura oħra, u b'hekk mhux ser tordna xi kreditu a favur wieħed mill-partijiet għaliex din il-karozza inxtrat ukoll għall-uzu pesonali ta' waħda mill-ulied tal-partijiet.

Min-naħa waħda l-Qorti qiegħda tassenja l-vettura tat-tip Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni IMY-293 lil konvenut u dan sabiex ikompli jaqla' l-għixien tiegħu bl-istess. Din il-vettura qiegħda tiġi assenjata lil konvenut hekk kif fil-affidavit tiegħu jistqarr illi *"u bil-flus tal-kumpens li kont ħadt kont xtrajt mini bus li għadni naħdem bih sal-ġurnata tal-lum"*,[65] liema verzjoni ma ġietx kontradetta mill-attriċi. Għaldaqstant il-Qorti temmen li tali vettura għandha tibqa' f'idejn il-konvenut stante li ma huwiex kontestat li din il-vettura nxtrat mill-flus derHti mill-proprjeta' parafernali tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti temmen li fiċ-ċirkostanzi u tenut kont tal-ħtija imputabbli lill-attriċi għat-tifrik taz-zwieġ, il-konvenut għandu jiġi assenjat ukoll il-vettura tat-tip Mitsubishi Shogun bin-numru ta' reġistrazzjoni ACH-257 li mill-atti jidher li tali vettura inxtrat bir-rikavat tal-bejgħ tal-vettura tat-tip Toyota RAV 4 bin-numru ta' reġistrazzjoni CAM-765.[66]

Min-naħa l-oħra l-Qorti qiegħda tassenja l-vettura tat-tip Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni DIA-066, irreġistrata fuqha nhar it-22 ta' Jannar 2019 u dan hekk kif il-vettura tat-tip Daihatsu Terios bin-numru ta' reġistrazzjoni ABO-318 ġiet *scrapped* nhar il-20 ta' Frar 2019.[67] In vista tal-fatt li l-Qorti hija sprovvista minn prova essenzjali sabiex tkun f'pozizzjoni li tikkwantifika dak il-kreditu a favur l-konvenut rigward l-imsemmija vettura, il-Qorti hija prekluza milli tillikwida tali ammont *arbitrio boni viri,* stante li li dan il-prinċipju ma jistgħax

[63] Fol. 277.
[64] Fol. 393, 394, 402.
[65] Fol. 403.
[66] Fol. 277, 125.
[67] Fol. 430.

jiġi addottat fin-nuqqas assolut ta' xi prova rigward l-istess. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tissolleċita lil avukat tal-attriċi sabiex jgħaddi dawk id-dokumenti relevanti għax-xiri tal-karozza Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni DIA-066 fil-bidu tas-sena 2019 lil avukat tal-konvenut, u dan fi zmien xahar mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Magħdud ma' dan, il-Qorti tordna lill-attriċi sabiex wara li d-dokumenti surreferiti jiġu mgħoddija lil kontro-parti, tħallas lill-konvenut nofs is-somma minfuqa minnha għax-xiri tal-karozza in kwistjoni u dan rapprezentanti sehemu mill-imsemmija vettura.

Fir-rigward tal-mobbli li jinsabu ġewwa d-dar matrimonjali, l-garaxx u l-*boathouse*, il-Qorti rat li fl-affidavit tagħha l-attriċi telenka s-segwenti mobbli u ċjoe': (i) *main bedroom*, (ii) zewġt ikmamar tat-tfal, (iii) kċina *fitted*, (iv) *appliances*, (v) għamara *loose*, (vi) 4 televixions, u (vii) 2 friġġs.[68] Il-Qorti tirrileva li l-attriċi ma semmiet l-ebda valur fir-rigward tal-immobbli minnha elenkati. Min-naħa l-oħra l-konvenut ma jelenkax b'mod dirett dwar liema mobbli jinsabu fid-dar matrimonjali, garaxx u *boathouse*. Madanakollu fir-rapport peritali ezebit minnu, jiġi elenkat dak kollu li jinsab fid-dar matrimonjali u l-valur li nefaq minn butu. Għaldaqstant il-Qorti, u fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma kontradixxietx ir-rapporti tal-perit Konrad Bezzina ezebiti mill-konvenut, qiegħda tassenja kull mobbli misjub ġewwa d-dar matrimonjali, l-*boathouse* u l-garaxx lil attriċi, b'eskluzjoni ta' kwalunkwe għodda, materjal jew affarijiet oħra relatati max-xogħol tal-konvenut, filwaqt li konsegwentament tordnala tħallas lil konvenut is-somma ta' €28,850 għall-ispejjez li nefaq fid-dar matrimonjali bħala mobbli.[69]

Illi fir-rigward ta' ħruġ u dħul ta' somom sostanzjali fil-kontijiet bankarji, l-attriċi tikkontendi li fiz-zmien li l-konvenut daħħal is-somma minn għand l-Awtorita' għat-Trasport, *"jekk wieħed jara l-bank accounts li kellu l-intimat dak iz-zmien jinnota d-dħul ta' varji somom oħra bejn l-2012 u l-2016, kif ukoll ħruġ ta' somom sostanzjali, fosthom uħud ta' aktar minn elf Euro"*.[70] Fil-fatt l-attriċi telenka numru ta' drabi fejn kien hemm xi transazzjoni da parti l-konvenut mill-kontijiet banakarji tiegħu:

---

[68] Fol. 25.

[69] Is-somma ta' €28,850 tinqasam: (i) €11,000 bħala għamara tal-kmamar tas-sodda u *study,* (ii) €3,650 bibien interni, (iii) €1,200 *air conditions*, (iv) €11,000 għall-appliances, mejda tal-ikel, siġġijiet (in-nofs ta' €22,000 stante li l-kċina *fixed* ma tistgħax tiġi kunsidrata bħala mobbli peress li weħlet mal-proprjeta'), u (v) €2,000 sufan, skont fol. 410.

[70] Fol. 461.

a. Mill-kont bankarju bin-numru 18603917016 mal-Bank of Valletta plc inġibdu: (i) €1,170 nhar il-5 ta' Awwissu 2015,[71] (ii) €1,000 nhar it-22 ta' Settembru 2016,[72] (iii) €4,650 nhar is-27 ta' Ottubru 2016;[73]
b. Mill-kont bankarju bin-numru 061-122453-051 mal-HSBC Bank Malta plc: (i) €2,000 il-11 ta' Settembru 2012,[74] (ii) €500 nhar is-17 ta' Diċembru 2012,[75] u (iii) €5,689 nhar l-20 ta' Diċembru 2012;[76]
c. Mill-kont bankarju bin-numru 089-082515-050 mal-HSBC Bank Malta plc: (i) €2,700 nhar it-22 ta' Marzu 2012,[77] u (ii) €1,000 nhar it-23 ta' Diċembru 2013.[78]

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti rigward it-transazzjonijiet bankarji tal-konvenut bħal donnu bl-intiza li toħloq dubju fil-ġudizzju tal-Qorti dwar il-kredibilita' u s-serjeta' tal-konvenut. Għalkemm huwa minnu li kien hemm diversi transazzjonijiet, u kif qalet sewwa sew l-attriċi stess bħal ma kien hemm ħruġ ta' flus kien hemm ukoll dħul. Għaldaqstant u minn tali ottika, l-Qorti *a prima facie* ma tara li kien hemm xejn ħazin jew tip ta' malizja da parti l-konvenut. Barra minn hekk, il-Qorti tara illi li kieku verament kien hemm xi malintiza da parti l-konvenut, l-attriċi kellha l-obbligu li tipprova l-istess sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni li fil-ġudizzju tagħha tordna kreditu a favur tagħha, u dan f'kaz li l-Qorti tkun sodisfatta mill-provi mresqa lilha rigward l-istess. Madanakollu u minkejja li l-attriċi ssenjalat dawn it-transazzjonijiet, naqset milli tressaq dawk id-domandi lir-rapprezentanti tal-banek u kif ukoll lil konvenut dwar l-istess sabiex b'hekk jingħata rendikont dwar il-provenjenza tad-dħul u kif ukoll ir-raġuni għall-ħruġ tal-istess. Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti tinsab kostretta li tirrispingi s-sottomissjoni tal-attriċi. Pero' u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-attriċi, illi bħal konvenut, l-attriċi ukoll kellha numru ta' transazzjonijiet fil-kontijiet bankarji tagħha, inkluz xiri minn diversi ħwienet barra minn Malta dovuti għal safriet ġewwa Toronto, Manchester, Abu Dhabi, Dubai, Catania, Valencia, Barcelona, Palma, u Cagliari.[79]

---

[71] Fol. 58.
[72] Fol. 61.
[73] *Ibid.*
[74] Fol. 132.
[75] *Ibid.*
[76] *Ibid.*
[77] Fol. 153.
[78] Fol. 155.
[79] Ara *statements* bankarji a fol. 262 - 272.

7. **Beni Parafernali:**

Il-Qorti rat li l-attriċi titlob sabiex tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali tagħha. Madanakollu mill-atti ma jirrizultax li l-attriċi għandha xi beni parafernali u għaldaqstant qiegħda tiċħad tali talba.

8. **Id-Dar Matrimonjali:**

F'dan il-kuntest l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordnalu jizgombra d-dar matrimonjali ossia *"7, Bokka taċ-Ċarċara, Imġarr, Malta"* u dan minkejja li hija konsapevoli li tali dar hija allegatament mikrija lil ġenituri tagħha. Magħdud ma' dan, fin-nota ta sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tisħaq illi *"fiċ-ċirkostanzi, għall-iskopijiet tad-disa' talba din l-Onorabbli Qorti wara li tiddikjara li l-imsemmija dar ma tistax tibqa' titqies bħala d-dar matrimonjali, jiġi ċċarat li ebda parti ma għandha jedd fuq il-fond 7 Triq il-Bokka taċ-Ċarċara, Imġarr Malta"*.[80] Min-naħa l-oħra l-konvenut jikontendi fin-nota ta' sottomisjonijiet tiegħu illi *"Jiġi umilment rilevat li lanqas ma tista' din l-Onorabbli Qorti tordna li xi ħadd mill-partijiet jizgombra jew jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali għaliex huwa evidenti li ħadd mill-partijiet ma għandu titolu validu fuq din il-propjeta"*.[81]

Il-Qorti fl-ewwel lok tibda sabiex tiddikjara li l-fond *"7, Bokka taċ-Ċarċara, Mġarr, Malta"* m'għandux jibqa' iservi ta' dar matrimonjali għaz-zewġ partijiet kontendenti għal din il-kawza. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva ix-xhieda ta' missier l-attriċi, J G, u d-dokument ezebit minnu.[82] Jirrizulta illi x-xhud ilu jgħix fil-fond in kwistjoni sa mis-sena 1972, u li dan il-fond allegatament ilu snin twal jinkera lil familja materna tal-attriċi. Jiddikjara ukoll li l-partijiet marru joqgħodu mal-ġenituri tal-attriċi għax ma kellhomx fejn imorru joqgħodu u b'hekk il-fond ġie rranġat strutturalment matul iz-zmien. Ix-xhud jiddikjara ukoll li għalkemm hu jħallas il-kera, huwa jirċievi kumpens minn għand il-partijiet. Ix-xhieda tispiċċa billi x-xhud jiddikjara li *"Lil C rridu jirranġa mal-mara imma flimkien ma jistgħux joqgħodu. Irridu jħallini bi kwieti. Bgħattlu ittra bl-avukat. Jekk iħallini*

[80] Fol. 461.
[81] Fol. 470.
[82] Fol. 442, 443, 446.

*bi kwieti, jista' joqgħod hemm jekk irid, imma jrid jirranġa ma' A fuq il-flus. Jekk ma jirranġax mal-mara tiegħu fuq flus se nitfgħu 'il barra".*[83] Il-Qorti evalwat ukoll l-ittra legali mibgħuta għan-nom tal-ġenituri tal-attriċi lil konvenut, fejn ġie mfakkar illi *"jinħtieġ tifhem li fil-propjeta fuq imsemmija inti ma ghandek ebda jedd, dritt jew titolu u qiegħed tabita hemm sempliċiment għaliex s'issa l-klijenti tiegħi qegħdin jippermettulek mingħajr ebda obbligu".*[84]

Mix-xhieda surreferita, il-Qorti temmen li għalkemm ma hemm l-ebda prova li tistabbilixxi li l-partijiet għandhom xi jedd, dritt jew titolu fuq il-proprjeta' in kwistjoni, maz-zmen pero' jidher li nħoloq dritt ta' lokazzjoni u dan in vista' tal-fatt li x-xhud stess jammetti li l-istess fond kien id-dar matrimonjali tal-partijiet u li l-kera' kienet titħallas parzjalment ukoll mill-partijiet. Barra minn hekk l-attriċi tikkontendi illi s-sidien tal-fond jafu li fil-post jgħixu huma ukoll.[85] Madanakollu u fi kwalunkwe kaz mill-atti lanqas ma jirrizulta xi prova dwar il-jedd li għandhom l-ġenituri tal-attriċi fuq il-fond in kwistjoni.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz, speċjalment minħabba l-investiment tal-konvenut fi proprjeta' li ma ssejjaħx lilu legalment u kif ukoll it-theddid da parti missier l-attriċi li *"jekk ma jirranġax mal-mara tiegħu fuq flus se nitfgħu 'il barra"*, ikun idoneju li l-konvenut jizgombra mill-fond in kwistjoni. Il-Qorti hija konsapevoli li l-partijiet m'għandhom l-ebda fond alternattiv fejn wieħed jista' jmur jabita, madanakollu huwa minnu ukoll li għalkemm il-konvenut m'għandux flus il-bank, huwa għandu introjtu mill-*mini bus* u kif ukoll minn *snack bar*, dan kif iddikjarat minn iben l-konvenut stess,[86] u kif ukoll ikkonfermat min-notifiki matul il-mori tal-kawza fejn il-konvenut ġieli ġie notifikat fil-fond imsejjaħ *"Hungry Wolf Snack Bar, Binja ta' Soldi, Triq iz-Zebbiegħ, Mġarr Malta".* Għaldaqstant il-Qorti tinsab perswaza li l-konvenut jinsab f'pozizzjoni ekonomika tajba illi fil-frattemp jikri jew jixtri proprjeta' fejn jgħix.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tordna li l-fond in kwistjoni ma jibqgħax konsidrat bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, filwaqt li tordna lil konvenut jizgombra mid-dar matrimonjali entro z-zmien ta' sitt (6) xhur mid-data ta' meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, liema zmien għandu jkun bizzejjed sabiex il-konvenut ikun jista' jsib fond ieħor fejn jista' jibda jgħammar 'il bogħod mill-

---

[83] Fol. 443.
[84] Fol. 446.
[85] Fol. 24.
[86] Fol. 426.

attriċi u l-familja tagħha. Naturalment il-kerrej tal-fond in kwistjoni għandu l-fakolta' li jagħti d-dritt ta' lokazzjoni lil bintu stess u dan sabiex ma tibqgħax tgħix fil-mizerja hekk kif iddikjarat minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet,[87] naturalment bil-kumdita' tal-mobbli kollha li iktar 'il fuq ġew assenjati lilha u li tagħhom hija għandha l-obbligu li tikkumpensa lil konvenut.

## 9. Kunjom Xbubit l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ ma għandhiex tiġi attribwita lil konvenut izda unikament lil attriċi stess minħabba nuqqas ta' kompatibbilita' fil-karattru, adulterju u inġurji gravi ai termini tal-Artikolu 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili rispettivament;
2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tawtorizza lil attriċi tgħix separatament minn zewġha;
3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba attriċi u tiddikjara xolta l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, filwaqt li tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tas-sitt parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*.
4. Tiċħad il-ħames talba attriċi rigward l-beni parafernali tagħha;
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba attriċi stante li l-mertu huwa ormai ezawrit hekk kif fil-prezent F B huwa maġġorenni;

[87] Fol. 459.

6. Tiċħad is-seba’ talba attriċi rigward il-manteniment għal F B u r-rikorrenti nnifisha;

7. Tiċħad it-tmien talba attriċi rigward is-sanzjonijiet elenkati f’Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut;

8. Tilqa’ id-disa’ talba attriċi u tordna lil konvenut jizgombra mid-dar matrimonjali entro t-terminu ta’ sitt xhur mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

9. Tilqa’ l-għaxar talba attriċi u tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xubitha G.

10. Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta’ reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 1137/1987 u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b’din is-sentenza ta’ separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

Bl-ispejjez għandhom ikunu sapportati kollha mill-attriċi.